

32005D0833

29.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 312/49

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI  
ta' l-4 ta' Novembru 2005**

**li tinnomina l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)**

(2005/833/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 4 ta' din,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 <sup>(2)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(3)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 11(2) ta' kull wieħed minn dawn ir-Regolamenti.

Billi:

- (1) L-Artikoli 11(2) tar-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 jipprovdi li l-Kumitat ta' Sorveljanza ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jkun iffurmat minn ħames persuni esterni indipendenti li għandhom il-kwalifik meħtieġa biex jiġu nnominati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom fl-ogħla karigi li għandhom x'jaqsmu ma' l-oqsma ta' l-attività ta' l-Uffiċċju;
- (2) Il-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza nominati b'effett mill-1 ta' Awwissu 1999 leħqu t-terminu mas-simu tal-kariga tagħhom. Għandhom għalhekk jiġu nnominati membri ġoddha mill-aktar fis possibbli;
- (3) L-Artikoli 11(2) tar-Regolamenti imsemmija jipprovdu li l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jiġu nnominati bil-ftehim komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,

<sup>(1)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8.

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

#### *Artikolu 1*

1. Il-persuni li ġejjin huma b'hekk innominati bħala membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sa mit-30 ta' Novembru 2005:

- Is-Sur Peter STRÖMBERG
- Is-Sur Kálmán GYÖRGYI
- Is-Sinjura Rosalind WRIGHT
- Is-Sur Luis LÓPEZ SANZ-ARANGUEZ
- Is-Sinjura Diemut R. THEATO

2. Jekk xi ħadd minn dawn il-persuni msemmija jirriżenja mill-Kumitat ta' Sorveljanza, imut jew isir inkapacitāt b'mod permanenti, dan għandu jiġi sostitwit immedjatament mill-ewwel persuna msemmija fil-lista li ġeja li ma jkunx għadu ġie nnominat fil-Kumitat ta' Sorveljanza:

- Is-Sur Eugeniusz RUŚKOWSKI
- Is-Sur Albertus Hendrikus KORTHALS
- Is-Sur Jaroslav FENYK
- Is-Sur Stefano DAMBRUOSO

#### *Artikolu 2*

Fit-twettiq ta' dmiri jieħdu, il-Membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza m'għandhomx la jfittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew kwalunkwe istituzzjoni, entità, uffiċċju jew aġenċija.

Dawn m'għandhom jieħdu ħsieb kwistjoni li fiha, direttament jew indirettament, ikollhom interassi personali b'mod li jtellfu l-indipendenza tagħhom, u, partikolarmen, interassi familjari u finanzjarji.

Dawn għandhom jieħdu fidejhom il-fajls sottomessi lilhom u d-deliberazzjonijiet tagħhom li jikkonċernaw-hom f-segretezza stretta.

#### *Artikolu 3*

Il-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jiġu rimborsati għall-ispejjeż li jistgħu jidħlu fihom matul id-dmirijiet tagħhom, u għandhom jirċievu pagament ta' kuljum għal kull ġurnata li jqattgħu fuq dawk id-dmirijiet. L-ammont ta' dan il-pagament u l-proċedura għar-imbors għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni.

#### *Artikolu 4*

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-persuni msemmija hawn fuq dwar din id-Deċiżjoni, u għandha tinforma immedjatament kwalunkwe persuna nnominata sussegwentement fil-Kumitat ta' Sorveljanza skond l-Artikolu 1(2).

Din in-nomina ssir skond l-Artikoli 11(2) u (3) tar-Regolamenti (KE) Nru 1073/99 u (Euratom) Nru 1074/1999. Din hi mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe emendi fil-futur għal dawn id-dispożizzjoni-jiet li jistgħu jiġi adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell u l-Lussemburgu, fl-4 ta' Novembru 2005.

*Għall-Parlament Ewropew*  
Il-President  
Josep BORRELL FONTELLES

*Għall-Kunsill*  
Il-President  
Ben BRADSHOW

*Għall-Kummissjoni*  
Siim KALLA  
Viċi-President